MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2015

Mandat Numru. 757/2015/1

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 757/2015LM fl-ismijiet:**

**Felix Mifsud (K.I. 534464M) u Mary Anne Bezzina (K.I. 319564M)**

**vs**

**Maltco Lotteries Limited (C32326)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **Felix Mifsud u Mary Anne Bezzina** ppreżentat fit-13 ta' Mejju, 2015 u kkonfermat bil-ġurament minn Felix Mifsud, fejn talbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Mandat") għar-raġunijiet li ġejjin:

*"Illi l-esponenti sabiex jikkawtelaw d-drittijiet tagħhom, jixtiequ żżommu lis-soċjetà intimata milli tissokta bid-deċiżjoni tagħha li tittermina s-servizz online minn mas-sistema ċentrali ġewwa l-banka tal-lottu numru 336 ġewwa Qawra Road, Qawra, liema deċiżjoni ġiet komunikata lill-esponenti fis-7:30pm tal-lum stess permezz ta' ittra u 'terminal messages' annessi mar-rikors ta' ftuħ tal-Qorti preżentati kontestwalment fejn ġew avżati li l-qtugħ ser jiġi eżegwit b'effett minn nofsillejl tal-lum;*

*Illi b'dan l-aġir abbużiv u illegali l-esponenti ser jitpoġġew f'pożizzjoni li ma jkunux jistgħu joperaw aktar l-imsemmija banka tal-lottu b'effett immedjat;*

*Illi qed jingħad li tali deċiżjoni hu aġir u abbużiv illegali peress illi skont ftehim datat illum stess, u kif ukoll skont id-dokumenti kollha oħra esebiti għandu jirriżulta li l-esponenti kellhom mhux inqas minn xahrejn żmien biex jibdew jħaddmu l-banka tal-lottu numru 336 minn post ieħor;*

*Illi għalhekk sakemm kellhom isiru l-arranġamenti tekniċi u loġistiċi biex jittrasferrixxu l-banka tal-lottu numru 336 minn post għall-ieħor l-esponenti kellhom jibqgħu jħaddmu l-banka tal-lottu numru 336 mill-post attwali ta' Qawra Road, Qawra;*

*Illi kif ġja ingħad hawn fuq fil-każ li s-soċjetà intimata titħalla tippersisti fl-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tagħha l-esponenti ser isofru minn preġudizzju irrimedjabbli stante li ma jkunux jistgħu jħaddmu l-imsemmija banka tal-lottu;*

*Illi għalhekk hu essenzjali u meħtieġ li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' dan il-mandat provviżorjament."*

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Mejju, 2015 fejn wara li rat l-Artikolu 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, laqgħet it-talba tar-rikorrenti provviżorjament u rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri.

Rat ir-risposta tas-soċjetà **Maltco Lotteries Limited** tat-18 ta' Mejju, 2015 fejn intqal:

*"Illi s-soċjeta esponenti ġiet notifikata bir-rikors tat-12 ta' Mejju, 2015 għall-ħruġ tal-mandat, permezz ta' liema mandat ir-rikorrenti qegħdin jitolbu li l-esponenti tinżamm milli:*

*"Tissokta bid-deċizjoni tagħha li tittermina s-servizz online minn mas-sistema ċentrali ġewwa il-banka tal-lottu numru 336 ġewwa Qawra Road, il-Qawra liema deċiżjoni ġiet komunikata lill-esponenti fis-7:30pm tal-lum stess permezz ta' ittra u 'terminal messages' annessi mar-rikors ta' ftuħ tal-Qorti preżentat kontestwalment fejn ġew avżati li l-qtugħ ser jiġi eżegwit b'effett minn nofsillejl tal-lum";*

*Illi permezz tad-digriet tat-12 ta' Mejju, 2015, din l-Onorabbli Qorti laqgħet provviżorjament it-talbiet rikorrenti, ordnat in-notifika tal-atti*

*lis-soċjetà intimata bi żmien sat-18 ta' Mejju, 2015 għat-tweġiba u appuntat dan ir-rikors għas-smigħ għall-udjenza tal-20 ta' Mejju, 2015.*

*Illi għas-soċjetà Maltco Lotteries huwa għalkollox evidenti li r-rikorrenti m'għandhomx il-jeddijiet li qed jivvantaw li għandhom u li assolutament ma jissussistux ir-rekwiżiti neċessarji għall-ħruġ tal-mandat odjern kif ser jiġi muri f'din ir-risposta u fit-trattazzjoni ta' dan il-mandat u kwindi dan ir-rikors għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.*

*A. Fatti fil-Qosor*

*Ir-rikorrenti (recte) kienu joperaw banka tal-lottu liċenzjata (recte) bin-numru 336 li tinsab fi Triq il-Qawra, Qawra u dan bis-saħħa ta' ftehim tas-6 ta' Lulju 2012. Tul dawn l-aħħar ġimgħat ir-rikorrenti (recte) wrew ix-xewqa tagħhom illi jittrasferixxu l-operat ta' dik il-banka tal-lottu liċenzjata għal post ieħor fl-istess triq;*

*Is-soċjetà esponenti kitbet formalment lir-rikorrenti (recte) u infurmathom illi kien bi ħsiebha tapprova tali trasferiment mitlub minnhom (recte) (ittra tas-7 ta' Mejju 2015 annessa u mmarkata DOK MC 1) u dan jekk jiġu sodisfatti ċertu kundizzjonijiet fosthom (i) illi jiġi iffirmat 'Addendum' għall-ftehim oriġinali fi żmien xahrejn minn dakinhar u li (ii) l-ewwel transazzjoni (recte) mal-ġuġaturi sseħħ mill-post il-ġdid fi żmien mhux aktar tard minn xahrejn mid-data tal-firma tal-Addendum;*

*L-Addendum ġie iffirmat fit-12 ta' Mejju 2015 u għalhekk il-banka tal-lottu 336 issa kienet liċenzjata u approvata biex topera mill-indirizz il-ġdid fi Triq il-Qawra (kantuniera ma' Triq in-Nawċiera) u minn imkien ieħor;*

*Ir-rikorrenti (recte) ġew infurmati illi s-servizz kien ħa jiġi skonnettjat mill-banka l-antika wara li ġie ffirmat u eżegwit tali addendum u proprju minħabba u ai termini tal-Addendum iffirmat biss ftit sigħat qabel. Iżda inkredibbilment ir-rikorrenti prontament intavolaw dan il-mandat sabiex iwaqqfu lill-Maltco milli tiskonnettja t-terminal fil-post il-qadim, ħaġa li kienu għadhom kif ftiehmu fuqha dakinhar stess;*

*Fi ftit kliem ir-rikorrenti b'dan il-mandat qed jittentaw iwaqqfu lis-soċjetà intimata Maltco milli tadempixxi jew tieħu passi sabiex teżegwixxi dak li l-partijiet intrabtu li jagħmlu fl-istess ġurnata! Huwa impossibbli għall-intimata li tgħid jekk dan hux riżultat tal-fatt illi r-rikorrenti reġa' bdielhom jew inkella ma fehmux l-obbligi tal-Addendum jew humiex in mala fede jew xi raġuni oħra. Il-fatt huwa illi b'mod paradossali għall-aħħar ftit sigħat wara illi huma qablu u kuntrattwalment ftiehmu mal-Maltco sabiex il-Maltco tmexxi l-operat u l-liċenzja tal-operat tal-Banka 336 minn post għall-ieħor intavolaw mandat ta' inibizzjoni biex iwaqqfuha milli timplementa tali ftehim permezz tal-iskonnessjoni tat-terminal mill-post l-antik u l-konnessjoni tal-istess fil-post il-ġdid;*

*Illi tista' tgħid bl-akbar ċertezza s-soċjetà esponenti huma biss żewġ affarijiet: (a) illi hija għandha interess qawwi li kull banka tal-lottu tkun koperta bil-ftehim u bil-liċenzji/approvazzjonijiet neċessarji u (b) illi hija assolutament ma għandhiex problema, anke jekk ir-rikorrent qiegħed ifittixha fi proċeduri arbitrali bla bażi, mar-rikorrent tant illi aktar kmieni din is-sena stess hija approvat illi r-rikorrenti joperaw minn post ieħor apparti l-post mertu ta' din il-vertenza ossija mill-kiosk;*

*B : Rekwiziti għall-Ħruġ tal-Mandat*

*Illi s-soċjetà esponenti tissottometti li r-rikorrenti m'għandhomx il-jedd prima facie kif jeżiġi l-Artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi, huwa paċifiku illi sabiex jinħareġ mandat ta' inibizzjoni, ir-rikorrenti għandhom l-oneru li juru (recte) żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqilhom jiksbu l-ħruġ ta' mandat bħal dan. L-ewwel ħaġa li jridu juru hi li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrenti. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrenti jkunu jidhru li għandhom (recte) mad-daqqa t'għajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li tintwera li l-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat bħal dan ikollha prima facie l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew għall-finijet ta' dan il-mandat, ma jeżistiex.*

*Illi fil-fehma tas-soċjetà esponenti, ir-rikorrenti ma rnexxielhomx jissodisfaw (recte) dawn iż-żewġ rekwiżiti li huma kardinali għall-ħruġ tal-Mandat inkwistjoni.*

*Illi fi kwalunkwe każ ma jirriżultax il-jedd prima facie li qed jivvantaw (recte) ir-rikorrenti u wisq anqas il-preġudizzju li ser jiġi allegatament soffert minnhom (recte) li kieku ma jinħariġx il-mandat inkwistjoni. Il-Qorti trid tkun konvinta li mad-daqqa t'għajn ir-rikorrenti verament għandhom dritt li jiġġustifika (recte), mingħajr analiżi legali dettaljata, intervent ġudizzjarju fuq bażi kawtelatorja sabiex jiġi protett tali dritt fl-immedjat qabel ma jkun tard wisq għar-rikorrenti.*

*Issa fil-każ odjern mhux talli ma jirriżultax illi r-rikorrenti għandhom dritt prima facie, talli r-rikorrenti ma jindikawx (recte) biċ-ċar x'inhu dan id-dritt li fuqu r-rikorrenti qed issejsu (recte) l-argumenti tagħhom (recte) għall-ħruġ ta' dan il-mandat u lanqas ma ġabu (recte) l-ebda prova, imqar prima facie, li hemm xi dritt vantat mir-rikorrenti.*

*Ċ. Fuq id-Dritt Vantat*

*Illi dwar il-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, dan huwa rikors li jsegwi atteġġjament negativ da parti tar-rikorrenti (recte) fil-konfront tas-soċjetà esponenti. Irid jingħad illi dakinhar illi r-rikorrenti (recte) ġew infurmati mill-Maltco illi s-servizz kien ser jinqata', huma kienu għadhom kif iffirmaw il-ftehim li bih ikkonkludew li ħa jsir it-trasferiment tal-banka tal-lottu numru 336 għall-post ġdid fi Triq il-Qawra. Il-Qorti trid tifhem illi r-rikorrenti (recte) ressqu dan il-mandat sabiex iwaqqfu lis-soċjetà Maltco milli timplementa l-ftehim li huma stess kienu nnegozjaw, qablu u iffirmaw dik il-ġurnata stess.*

*Kif kien ġie spjegat lir-rikorrenti (recte) qabel l-iffirmar tal-ftehim għat-trasferiment liema ftehim jifforma parti mill-kuntratt oriġinali (Agency Agreement) bejn il-partijiet, ir-riżultat u l-effett tal-iffirmar ta' dan l-addendum kien li l-banka tal-lottu 336 issa kienet liċenzjata u approvata biex topera mill-indirizz il-ġdid fl-istess triq u minn imkien ieħor. L-intimati huma ben akkolti fuq il-fatt illi aġent ma jistax jopera minn żewġ banek tal-lottu bl-istess numru ta' liċenzja fl-istess ħin. Sempliċiment, qatt ma jista jkun illi jkun hemm żewġ banek tal-lottu bin-numru 336. Jista' jkun, anzi probabbli ħafna għaliex huwa ferm u ferm diffiċli li r-rikorrenti ma jafux x'inhuma jew x'kienu qed jagħmlu, li r-rikorrenti kienu jafu b'dan il-fatt iżda ppruvaw iqarrqu bil-bona fede tas-soċjetà Maltco billi jittentaw iżommu ż-żewġ banek (l-antika u l-ġdida) miftuħin bin-numru 336 li huma t-tnejn il-Qawra, fl-istess triq, u taħt l-istess operatur Felix Mifsud, ħaġa li assolutament mhix maqbula mas-soċjetà intimata;*

*Illi kif jirriżulta mill-anness dokument (DOK MC2) kien l-istess rikorrent Felix Mifsud illi ġera fuq li ġera wara s-soċjetà intimata u kien verament pressanti sabiex isir dan il-qlib fil-lok tal-banka liċenzjata u huwa għalhekk illi huwa sempliċement paradossali li issa li ngħata l-approvazzjoni huwa jirrikorri għandi il-Qorti sabiex iwaqqaf l-eżekuzzjoni tal-istess ċaqliq mill-post l-antik għall-post il-ġdid.*

*Għal dawn ir-raġunijiet u għal raġunijiet oħra li jistgħu jiġu avanzati waqt is-smigħ ta' dan il-mandat, din il-Qorti għandha tiċħad ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat odjern bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti."*

Rat id-digriet tat-12 ta' Mejju, 2015 fejn ir-Rikors ġie appuntat għas-smigħ għas-seduta tat-18 ta' Mejju 2015.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Mejju, 2015 fejn ir-Rikors tħalla għall-provvediment kamerali.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-kwistjoni bejn il-partijiet hija bażikament dwar kif għandhom jiġu interpretati u implimentati d-drittijiet u l-obbligi kuntrattwali tagħhom in segwitu għat-tibdil permezz ta' Addendum[1] (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "l-Addendum") li ġie ffirmat fit-12 ta' Mejju, 2015 għall-Agency Agreement datat 6 ta' Lulju,

[1] A fol. 7 sa 10 tal-proċess.

2012[2], liema Agency Agreement kif emendat permezz tal-imsemmi Addendum jirregola r-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-kontendenti għar-rigward tat-tħaddim u l-operazzjoni tal-Banka tal-Lottu 336 fil-Qawra.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet fattwali**

Ir-rikorrenti jikkontendu illi d-deċiżjoni tas-soċjetà intimata li tittermina s-servizz online minn mas-sistema ċentrali tagħha ġewwa l-banka tal-lottu numru 336 ġewwa Qawra Road, Qawra, huwa aġir u abbużiv illegali peress illi skont ftehim li sar fit-12 ta' Mejju, 2015, u kif ukoll skont dokumenti kollha oħra esebiti, għandu jirriżulta li r-rikorrenti kellhom mhux inqas minn xahrejn żmien biex jibdew iħaddmu l-banka tal-lottu numru 336 minn post ieħor.

Ir-rikorrenti jsostnu li sakemm isiru l-arranġamenti tekniċi u loġistiċi biex fiżikament jittrasferrixxu l-banka tal-lottu numru 336 minn post għall-ieħor, ir-rikorrenti kellhom jibqgħu jħaddmu l-banka tal-lottu numru 336 mill-post oriġinali f'Qawra Road, Qawra.

Min-naħa tagħha s-soċjetà intimata tikkontendi li l-effett tal-iffirmar tal-Addendum kien li l-banka tal-lottu 336 issa kienet liċenzjata u approvata biex

[2] A fol. 4 sa 25 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 762/15LM.

topera mill-indirizz il-ġdid fl-istess triq u minn imkien ieħor u li r-rikorrenti kienu jafu b'dan il-fatt iżda ppruvaw iqarrqu bil-bona fede tas-soċjetà Maltco billi ittentaw iżommu ż-żewġ banek (l-antika u l-ġdida) miftuħin bin-numru 336 li huma t-tnejn il-Qawra, fl-istess triq. Permezz ta' ittra datata 12 ta' Mejju, 2015[3] r-rikorrenti ġew infurmati mis-soċjetà intimata li in segwitu għall-iffirmar tal-Addendum f'nofsillejl tal-istess jum hija kienet se tisskonettja t-terminal(s) li kellhom fil-post l-antik.

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

Ir-rikorrenti qegħdin jitlobu l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni abbażi tal-Artikolu 873(1)(2) tal-Kap. 12 li jgħid dan li ġej:

> *"**873.** (1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

[3] A fol. 3 tal-proċess.

Illi l-iskop ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew preġudizzju lill-persuna li qed titlob il-ħruġ tal-mandat[4].

Skont l-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti, ir-rikorrenti jridu juru li (i) il-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnhom tant li bin-nuqqas ta' ħrug tiegħu r-rikorrenti sejrin isofru preġudizzju u (ii) li huma jidhru li għandhom *prima facie*, mad-daqqa t'għajn, dawk il-jeddijiet.[5] Dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni.

Il-Qorti mhix mitluba li tara x'jeddijiet għandhom ir-rikorrenti iżda ai termini tal-Artikolu 874 tal-Kap. 12 trid tara oġġettivament jekk ir-rikorrenti għandhomx pretensjoni ta' jedd. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.[6]

---

[4] L-Artikolu 873(1) tal-Kap. 12.

[5] Ara Qorti tal-Kummerċ – 26 ta` Mejju 1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Cassar Pulliċino noe vs. Caruana Curran noe et (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387).**

[6] PA 27.11.2014 - **Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri vs. Giuseppe Camilleri sive Joseph.**

Barra minn hekk dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kriterji oggettivi[7] u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat ta' din ix-xorta, il-Qorti għandha tagħti interpretazzjoni restrittiva peress li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju ieħor, isir fi żmien meta l-pretensjoni tar-rikorrenti ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata.

L-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilmenta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu**,** jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.[8]

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali.[9]

Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess

[7] Ara App.Ċiv. 14.7.1988 fil-kawża fl-ismijiet **Grech pro et noe vs. Manfrè** (Kollez. Vol: LXXII.ii.290).
[8] PA 2.1.1993 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Avukat Victor Borg Grech vs. Joseph Gasan et noe.**
[9] PA 11.3.2003 fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **IWT Group Malta Ltd vs Direttur Ġenerali tal-Kuntratti et.**

rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[10]

Tqis li l-liġi tħares il-jedd *prima facie*, bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib.[11]

Tqis illi l-jedd pretiż li r-rikorrenti qegħdin jitolbu li jiġi kkawtelat permezz ta' dan il-Mandat huwa bażikament li l-obbligi u d-drittijiet rispettivi tal-partijiet fir-relazzjonijiet kuntrattwali ta' bejniethom jiġu interpretati u implimentati b'mod loġiku u in bona fede.

Skont l-ittra ta' approvazzjoni maħruġa mis-soċjetà intimata datata 7 ta' Mejju, 2015[12], ir-rikorrenti kellhom żmien ta' xahrejn biex jiffirmaw l-Addendum għall-Agency Agreement viġenti bejn il-partijiet. Barra minn hekk l-ewwel transazzjoni ta' bejgħ mill-banka tal-lottu l-ġdida kellha sseħħ fi żmien xahrejn mill-iffirmar tal-imsemmi Addendum għall-Agency Agreement.

Evidentement il-konċessjoni ta' dawn iż-żewġ perijodi ta' xahrejn il-wieħed, ġew stipulati a favur ir-rikorrenti sabiex huma jkollhom żmien biżżejjed biex ikunu jistgħu jarmaw il-post il-ġdid u eventwalment ikunu jistgħu jittrażlokaw mill-post l-antik għall-post il-ġdid.

---

[10] PA 27.11.2014 - **Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri vs. Giuseppe Camilleri sive Joseph.**

[11] Ara Qorti tal-Kummerċ – 26 ta` Mejju 1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Cassar Pulliċino noe vs. Caruana Curran noe et** (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387).

[12] A fol. 4.

Il-fatt li r-rikorrenti iffirmaw l-Addendum ħamest ijiem biss wara li nħarġet l-ittra ta' approvazzjoni mis-soċjetà intimata u ma ħadux il-perijodu sħiħ ta' xahrejn konċess lilhom a favur tagħhom mill-istess soċjetà intimata għall-iffirmar tal-Addendum, ċertament m'għandux jiġi interpretat daqslikieku huma rrinunzjaw għal dak il-perijodu li huwa raġonevolment meħtieġ biex fiżikament ikunu jistgħu jittrasferixxu l-banka tal-lottu inkwistjoni mill-post l-antik għall-post il-ġdid.

Is-soċjetà intimata ssejjes l-oppożizzjoni tagħha għat-talba għall-ħruġ tal-Mandat fuq il-bażi li ġaladarba ġie ffirmat l-Addendum għall-Agency Agreement, l-uniku post minfejn l-intimati huma awtorizzati li joperaw il-banka tal-lottu inkwistjoni huwa mill-indirizz il-ġdid. Barra minn hekk is-soċjetà intimata tallega li r-rikorrenti ppruvaw iqarrqu bil-*bona fede* tas-soċjetà intimata billi ttentaw iżommu ż-żewġ banek (l-antika u l-ġdida) miftuħin bin-numru 336 li huma t-tnejn il-Qawra, fl-istess triq.

Apparti li tqum il-mistoqsija dwar kemm jagħmel sens kummerċjali li l-istess aġent jopera żewġ banek tal-lottu fl-istess triq u fl-istess lokalità ftit 'il bogħod minn xulxin, waqt is-smigħ tar-Rikors ħareġ ċar u dan ma ġiex ikkonstestat mis-soċjetà intimata, li qatt ma kien hemm xi riskju reali li r-rikorrenti joperaw żewġ banek tal-lottu (l-antika u l-ġdida) miftuħin bin-numru 336 li huma t-tnejn il-Qawra, fl-istess triq, meta s-soċjetà intimata tinsab il-ħin kollu fil-kontroll tas-sitwazzjoni, fis-sens li hi biss tista' teknikament teffettwa t-trasferiment tat-terminals minn post għall-ieħor u tiskonettjahom u tqabbadhom mas-sistema ċentrali tagħha.

Din il-Qorti tqis li r-rikorrenti rnexxielhom jippruvaw *prima facie* il-jedd tagħhom li l-obbligi u drittijiet reċiproċi fir-relazzjoni kuntrattwali mas-soċjetà intimata għandhom jiġu interpretati u implimentati *in good faith* u ċjoè li ż-żmien mogħti mis-soċjetà intimata permezz tal-ittra tas-7 ta' Mejju, 2015 (a fol. 4) ingħata lilhom bl-iskop li sakemm jilħqu jagħmlu l-arranġamenti tekniċi u loġistiċi biex jittrasferrixxu l-banka tal-lottu numru 336 minn post għall-ieħor, ir-rikorrenti jibqgħalhom id-dritt joperaw il-banka tal-lottu numru 336 mill-post attwali ta' Qawra Road, Qawra.

Din il-Qorti tqis ukoll li t-talba tar-rikorrenti tissodisfa r-rekwiżit l-ieħor għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, billi jekk ma tiġix milqugħa t-talba għall-ħruġ tal-Mandat, ir-rikorrenti se jsofru preġudizzju irrimedjabbli stante li jekk is-soċjetà intimata titħalla timplimenta d-deċiżjoni tagħha li ġiet ikkomunikata lir-rikorrenti permezz tal-ittra tat-12 ta' Mejju, 2015[13], ir-rikorrenti sejrin isofru preġudizzju irrimedjabbli fis-sens li ma jkunux jistgħu jħaddmu l-attività tagħhom ta' banka tal-lottu mill-post l-antik sakemm fiżikament iseħħ it-trasferiment għall-post il-ġdid.

**<u>Decide</u>**

**Għalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' b'mod definittiv it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif dedott fir-Rikors kontra s-soċjetà intimata.**

---

[13] A fol. 3 tal-proċess.

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura huma a karigu tas-soċjetà intimata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------